**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 84/2007**

**tas-6 ta' Lulju 2007**

**li temenda l-Anness VI (Is-Sigurtà Soċjali) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness VI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 118/2006 tat-22 ta' Settembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità ([2]) huwa inkorportat fil-Ftehim.

(3) It-titolu tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 ġie emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3795/81 ([3]) li estendih għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-familji tagħhom.

(4) Ser isiru tibdiliet fl-Annessi 2, 3, 4 u 10 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 fil-konfront tal-Liechtenstein, minħabba bidliet organizzattivi fl-amministrazzjoni pubblika tal-Liechtenstein.

(5) Ser isiru tibdiliet lill-Anness 5 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 fil-konfront tan-Norveġja minħabba ftehim ġdid dwar ir-rifużjoni li n-Norveġja kkonkludiet ma' l-Olanda u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 u ftehim dwar nuqqas ta' rifużjoni li n-Norveġja kkonkludiet mal-Portugall u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2006.

(6) Id-denominazzjonijiet Ingliżi għal "tryggingastofnun rikisins" (Iżlanda) kif ukoll għal "Amt für Volkswirtschaft" (Liechtenstein) inbidlu,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness VI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-Punt 2 (ir-Regolament (KEE) Nru 574/72) għandu jkun emendat kif ġej:

   (i) Fil-parti 1 (Mard u maternità) u l-parti 4 (Inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol) tas-sezzjoni "ZB. IL-LIECHTENSTEIN" fl-adattament (b) il-kliem "l-Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)" għandhom jiġu sostitwiti b' "Amt für Gesundheit (Uffiċċju tas-Saħħa)".

([1]) ĠU L 333, 30.11.2006, p. 42.

([2]) ĠU L 74, 27.3.1972, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 629/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 27.4.2006, p. 1).

([3]) ĠU L 378, 31.12.1981, p. 1.

(ii) Fil-parti 5 (Qgħad) tas-sezzjoni "ZB. IL-LIECHTENSTEIN" fl-adattament (b) il-kliem "Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali" għandhom jiġu sostitwiti b' "Uffiċċju ta' l-Affarijiet Ekonomiċi".

(iii) Fil-parti 1 (Mard, maternità, inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol, qgħad) tas-sezzjoni "ZB. IL-LIECHTENSTEIN" fl-adattamenta (c) u (f), il-kelma ", qgħad" għandha titħassar.

(iv) Fil-parti 1 (Mard, maternità, inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol, qgħad) tas-sezzjoni "ZB. IL-LIECHTENSTEIN" fl-adattamenta (c) u (f) kif ukoll fil-partijiet 1(b), 2(b), 5, 6 u 7 tas-sezzjoni "ZB. IL-LIECHTENSTEIN" fl-adattament (m) il-kliem "Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)" għandhom jiġu sostitwiti b' "Amt für Gesundheit (Uffiċċju tas-Saħħa)".

(v) Fil-parti 3 tas-sezzjoni "ZB. IL-LIECHTENSTEIN" fl-adattament (m) il-kliem "Amt für Volkswirtschaft" għandhom jiġu sostitwiti b' "Amt für Gesundheit" u l-kliem "Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Uffiċċju tas-Saħħa".

(vi) Fil-parti 2(b) u l-parti 3(b) tas-sezzjoni "ZB. IL-LIECHTENSTEIN" fl-adattamenti (c) u (f) il-kliem "Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "FMA Finanzmarktaufsicht Liechtenstein (Awtorità tas-Suq Finanzjarju tal-Liechtenstein)".

(vii) Dan li ġej għandu jiżdied fl-aħħar tas-sezzjoni "ZB: IL-LIECHTENSTEIN" fl-adattamenti (c) u (f):

"5. Qgħad:

Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Affarijiet Ekonomiċi)."

(viii) It-test tal-punt 370. (IN-NORVEĠJA – L-OLANDA) fl-adattament (d) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Ftehim tat-23 ta' Jannar 2007 dwar ir-rifużjoni ta' l-ispejjeż għal benefiċċji *in natura* previsti fir-Regolamenti (KEE) Nri 1408/71 u 574/72."

(ix) It-test tal-punt 373. (IN-NORVEĠJA – IL-PORTUGALL) fl-adattament (g) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Arranġament ta' l-24 ta' Novembru 2000 skond l-Artikoli 36(3) u 63(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u l-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 dwar ir-rinunzja reċiproka tar-rifużjoni ta' spejjeż ta' benefiċċji *in natura* għal mard, maternità, inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol u ta' l-ispejjeż inkorsi għal kontrolli amministrattivi u eżamijiet mediċi previsti taħt dawn ir-Regolamenti."

2. Fil-punt 3.38 (Deċiżjoni Nru 151) il-kliem "Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)" taħt is-sezzjoni "15. Il-Liechtenstein" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Amt für Gesundheit (Uffiċċju tas-Saħħa)".

3. Tul l-Anness kollu, il-kliem "l-Istitut tas-Sigurtà Soċjali ta' l-Istat" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Amministrazzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Lulju 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Ebda rekwiżit kostituzzjonali m'huwa indikat.